# Topik ġenerali:  Nies Li Jgħinuna.

Lesson by Ms Marthese Schembri

## Deskrizzjoni tal-Lezzjoni:

It-tfal ser jitgħallmu kliem ġdid u jkunu kapaċi jgħarfu l-għodod u l-ħwejjeġ tan-nies waqt ix-xogħol tagħhom. Sejrin jitgħalmu wkoll fejn jaħdmu dawn in-nies.
Kliem ġdid:   (bidwi-għalqa, dentist-klinika, tabiba-sptar, pulizija-għassa, għalliema-skola, baħri-vapuri, pustiera-posta, qassis-knisja)

## Għanijiet tal-lezzjoni:

It-tfal jitgħallmu fuq ix-xogħol li jagħmlu nies differenti.

M-CL 1.02 Iwieġbu mistoqsijiet ġenerali.
M-CL 1.05 Juru interess meta jisimgħu poeżija.
M-CL 1.09 Jaqsmu il-kelma f sillabi.
M-CL 1.12 Jgħidu u jgħoddu l-ħsejjes tal-kliem.
M-CL 1.15 Jaqraw b'kunfidenza kliem regolari.
M-CL 1.17 Jaqraw kliem li fihom `għ` u `ie`
M-CL 1.19 Jiktbu kliem ta forma regolari.

- Jużaw l-immaġinazzjoni sabiex jagħmlu mima ta x jixtiequ jsiru la jikbru.  (Żringi-Konfluwenza)

- It-tfal iqabblu l-kelma ma l-istampa. (Fina-Preċiżjoni) (Ġeru-Sekwenza)

- Jiktbu sentenza fuq stampa li jkuniu għażlu. (Fina-Żringi)

## Introduzzjoni:

Permezz ta` CD TRONIK nuri lit-tfal xogħolijiet differenti bħal:

- Il-bidwi jaħdem fl-għalqa.
- Id-dentist jieħu hsieb is-snien.
- Il-pustiera tqassam l-ittri.
- L-għalliema tgħallem it-tfal.

**L-ewwel pass:**

L-għalliema taqra poeżija `**Il-Pulizija**`. Wara ssaqsihom xi jixtiequ jsiru huma meta jikbru. (Żringi-Konfluwenza)

**It-tieni pass:**

L-għalliema ssaqsihom f`hiex ifakkruhom l-għodod u l-ħwejjeg li turihom. (Faru-Teknika)
It-tfal jaqbdu l-flexkard minn ġo kaxxa, jgħidu u jgħoddu l-ħsejjes tal-kelma, jaqrawha u iqabbluha mal-istampa li tkun imwaħħla fuq il-*Flannel Graph*. (Fina-Faru-Ġeru)

**It-tielet pass:**

**Logħba: Min Jien? - Fejn naħdem?**

- It-tfal jaqraw sentenza u jqabbluha mal-għodda jew ħwejjeġ. Wara jagħmlu mima. (Fina-Faru-Żringi-Ġeru)
- It-tfal jaqraw sentenza u jgħidu il-post tax-xogħol. (Fina-Żringi)

**Ir-raba' pass:**

It-tfal iduru u jagħmlu attivitajiet differenti fosthom:
- Permezz ta `Magnetic Letters` jiktbu kliem fuq il-`Magnetic Boards`. (Ġeru-Fina-Faru)

- Jagħqdu kliem minn ittri skond l-istampa. Geru-Fina-Faru
- Jiktbu kliem ta fejn jaħdmu fuq `White Boards`. (Fina-Faru-Żrinġi)
- It-tfal jaħdmu bil-kompjuter  CD TRONIK (Nies li Jgħinuna) Ġeru-Fina-Faru-Żrinġi)

**Konklużjoni**

It-tfal jimlew il-`Handout` fuq nies differenti u x-xogħol tagħhom. Imbagħad jiktbu sentenza fuq kull stampa. Fina

**Riżorsi**

Flexkards bil-kliem - **ners, skarpan, ħajjata, sajjied.**
Stampi ta nies li għandhom xogħolijiet differenti.
Kaxxa tal-kartun miksija.
Magnetic Letters u Magnetic Boards.
Laptop –CD Tronik.
Interactive Whiteboard.
Kompjuters.
Għodda u ħwejjeġ ta nies li jgħinuna.

## *Teaching strategies:*

Peress li ħafna mit-tfal għandhom nuqqas ta Teknika u Konfluwenza imma Sekwenza u Preċiżjoni għolja, waqt il-lezzjoni ippruvajt nagħżel attivitajiet ta natura Teknika biex ngħinhom iżidu fil-Konfluwenza.

| | |
|---|---|
| Jiena għandi Sekwenza ta | 29 |
| Preċizjoni ta | 28 |
| Teknika ta | 21 |
| Konfluwenza ta | 25 |